**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH LL.D.**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023**

Kawza Numru: 26/2019 (JPG)

**Gasan Mamo Insurance Limited**
**flimkien mal-aġenta tagħha**
**Thomas Smith Insurance**
**Agency Limited**

**vs**

**Godwin Mizzi**

- **Preliminari**

It-Tribunal

Ra l-avviz tas-soċjeta' attrici ipprezentat fis-sbatax (17) ta' Settembru 2019 fejn ippremetta : -

> *"Għid inti konvenuta għaliex ma għandekx tiġi kkundannata tħallas lill-atturi, u iktar preċiżament lill-attriċi Thomas Smith Insurance Agency Limited:*
>
> *L-ammont ta' elf u tmienja u sebgħin euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€1,078.65) u l-imgħaxijiet relativi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ġunju 2019, oltre l-ispejjeż ta' dik l-ittra u tal-ittra interpellatorja tat-18/11/2018 rappreżentanti spejjeż inkorsi minnhom inutilment u bħala riżultat dirett ta' dikjarazzjonijiet skorretti u misleading magħmula minnek dwar il-konsegwenzi ta' inċident tat-traffiku li seħħ fis-16 ta' Settembru 2016 fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta*

*bejn il-vettura tiegħek BBX 187 misjuqa minn persuna inkarigata minnek, Duane Carabott, fuq naħa u l-vettura JBM 541 ta' Bernard Buhagiar, li kienet ipparkjata. Dawn id-dikjarazzjonijiet jikkonsistu inter alia fl-asserzjoni ripetuta tiegħek li Duane Carabott kien diġà ħallas l-ispejjeż neċessarji sabiex giet irranġata l-vettura ta' Buhagiar. Konsegwentement inbdew proċeduri ta' arbitraġġ bir-riferenza M5522/2018 fl-ismijiet "Untours Insurace Agents Limited et vs Thomas Smith Insurance Agency Limited et" deċiżi fid-9 ta' Mejju 2019, u r- rikorrenti kellhom iħallsu l-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ, spejjeż li kienu jiġu evitati kieku ma saritx dik id-dikjarazzjoni qarrieqa da parti tiegħek.*

Ra r-risposta tal-intimat Godwin Mizzi preżentata fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2019 fejn wiegeb :-

*"1. Preliminariament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal, stante illi anke jekk din hi kawża għad-danni wara proċeduri oħra ġaladarba hi emergenti minn inċident awtomobilistiku hu kompetenti l-arbitraġġ;*

*2. Illi l-intimat qatt ma qal jew għamel id-dikjarazzjonijiet msemmija u kull meta tkellem ma l-assikurazzjoni tiegħu kien dejjem skond l-aħjar tagħrif li kellu;*

*3. Illi bla preġudizzju l-kumpaniji attriċi kellhom kull mezz kif jivverifikaw l-affarijiet u kienu negligenti meta ma għamlux dan. In oltre l-affarijiet setgħu jiġu verifikati mal-inizju tal-proċeduri t'arbitraġġ u ma kienx hemm bzonn li wieħed imur għal-lodo u jzid l-ispejjes.*

*4. Bla pregudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ikkunsidra;

Illi din id-deċiżjoni tikkoncerna limitatament il-kwistjoni dwar jekk it-Tribunal odjern għandux il-kompetenza skont il-liġi biex jiddeciedi din il-materja partikolari li tressqet quddiemu.

Il-partijiet jaqblu li t-talba odjerna tikkoncerna talba għar-rifużjoni ta' spejjeż inkorsi mis-socjetajiet attrici per konsegwenza li sar arbitraġġ kontra l-assikurat tagħhom Godwin Mizzi. Is-socjetajiet attrici jsostnu li kieku kellhom informazzjoni kompluta u korretta dwar l-incident li seħħ, kienu jaċċettaw ir-responsabbilita u jħallsu d-danni. B'hekk ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa tal-proċeduri ta' arbitraġġ li saru u ma kinux jeħlu spejjeż għalxejn b'xejn.

L-intimat min-naħa tiegħu isostni li tali pretensjoni kellha tiġi indirizzata permezz ta' arbitraġġ mandatorju u mhux fil-preżenti istanza. L-intimat isejjes l-argument tiegħu li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jisma' u jiddeciedi l-każ abbażi ta' dak li tistabilixxi r-Raba' Skeda tal-Kap 387, preċiżament l-artikolu 1.2 paragrafu (c) tat-Taqsima A. Dan il-paragrafu jistabilixxi li *"talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta'Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polzata' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha" għandha tiġi determinata b'arbitraġġ mandatorju."*

It-Tribunal iqis li l-intimat m'għandux raġun f'din l-ewwel eccezzjoni tiegħu. Dan għas-segwenti raġunijiet:

(a) Fl-ewwel lok dak li qiegħed jintalab f'din l-istanza mhumiex danni li qegħdin jitwieldu direttament minn incident awtomobilistiku; hija azzjoni li s-socjetajiet attrici qegħdin jagħmlu kontra l-intimat għaliex allegatament dan naqas li jipprovdi informazzjoni korretta lis-socjetajiet attrici dwar l-incident awtomobilistiku li fih kienet involuta l-vettura koperta bil-polza ta' assikurazzjoni li l-intimat kellu mas-socjetajiet attrici. Per konsegwenza saru proceduri ta' arbitraġġ u s-socjetajiet attrici ġew kundannati jħallsu l-ispejjeż, spejjeż li s-socjetajiet attrici kienu jiffrankaw li kieku kellhom a disposizzjoni tagħhom l-informazzjoni korretta dwar l-incident. Mingħajr ma t-Tribunal f'dan l-istadju jidħol fuq il-veracita tal-allegazzjonijiet li qegħdin jiġu ventilati mis-socjetajiet attrici, huwa car għal dan it-Tribunal li l-istess socjetajiet attrici qegħdin jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom strettament fuq il-kuntratt tal-assikurazzjoni li kien hemm viġenti bejnhom u l-istess intimat. Għalhekk l-azzjoni odjerna hija waħda *ex contractu* u mhux waħda bażata jew naxxenti minn *culpa aquiliana*. Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet

***Hugh P. Zammit noe et vs John Mifsud et*** deciza fit-23 t'April 2001 fejn l-Ewwel Qorti kienet ikkummentat hekk:

> *"F'dan ir-rigward ghandu jigi osservat li r-responsabbilita' ghar-risarciment ta' danni **mhallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta mhux relatat mar-responsabbilita' ghall-akkadut. Izda l-obbligu tal-hlas lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan**. Fil-kaz in ezami l-konvenut John Mifsud, qua proprjetarju u assikurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lill-huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jghalaq il-wiehed u ghoxrin sena. Kif irrizulta l-incident sehh meta l-vettura kienet qed tinsaq minn George Mifsud bil-permess ta' huh, l-assikurat, u qabel ma dan kien jikkwalifika skond l-kondizzjonijiet tal-polza. Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta' attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhix rilevanza ghal kawza odjerna."*

(b) Il-paragrafu tal-iskeda li fuqha qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu l-intimat hija kwalifikata bil-kelma "kontra". Dan ifisser li l-paragrafu qiegħed ikopri azzjonijiet li jsiru kontra kumpaniji tal-assikurazzjoni u entitajiet simili li fit-termini tal-Kap. 104 jridu jagħmlu tajjeb għal danni sofferti per kawża diretta ta' incident awtomobilistiku. F'dan il-każ huma s-socjeta assikuratrici li qegħdin jipproċedu kontra l-assikurat tagħhom u mhux vici-versa. It-Tribunal għalhekk ma jarax kif tali azzjoni tista' b'xi mod taqa' fil-paramenti tal-paragrafu senjalat mill-intimat;

(c) It-Tribunal seta' jara li talbiet simili bħal dawk odjerni dejjem tressqu quddiem il-Qrati ordinarji u mhux fil-foro arbitrali. Is-sentenzi ikkwotati mil-legali tas-socjetajiet attrici – li t-Tribunal fittex u eżamina fid-dettal il-kontenut tagħhom – kollha jikkonfermaw dan. Li kieku kien hemm kwistjoni ta' kompetenza, din setgħet titqajjem direttament *ex officio*

mill-Qrati a tenur tal-artikolu 774 tal-Kap. 12; iżda dan pero qatt ma sar. Għalkemm il-legali tal-intimat ipprova jwaqqa' l-import ta' dawn is-sentenzi billi jargumenta li saru xi emendi fl-iskeda, l-emendi in kwistjoni ma kinux jikkonċernaw il-paragrafu (c) li fuqha qed jibbaża l-argumentazzjoni tiegħu l-intimat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi l-ewwel eċċezzjoni billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jkunu a karigu tal-intimat.

(ft) Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur